Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Kulleġġ Maria Regina

Sena Skolastika 2015 / 2016

| Is-Sitt Sena | **Reliġjon** | Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem: ______________________________

Klassi: ______________________________

Skola: ______________________________

Marka Totali



TAQSIMA A

STORJA TA' MĦABBA

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġrajjiet fit-testment il-Qadim juru li | | Abraham. |
| 2. | L-ewwel bniedem fid-dinja kien | | Ġakobb. |
| 3. | Il-bniedem li kien lest jissagrifika lil ibnu kien | | tal-Imħallfin, il-Qassisin, is-Slaten u l-Profeti. |
| 4. | It-tifel ta' Iżakk kien jismu | | Salamun. |
| 5. | Il-bniedem li ħareġ il-Poplu Lhudi mill-Eġittu hu | | Ġwanni l-Battista. |
| 6. | Ir-ragħaj li ġie midluk sultan mill-profeta Samwel hu | **1** | Alla kien dejjem mal-bniedem. |
| 7. | Is-sultan li kien għaref ħafna hu | | Mosè. |
| 8. | Il-Profeta li ħabbar il-miġja tal-Messija kien | | fl-Eġittu. |
| 9. | Il-Poplu Lhudi issetilja għal żmien twil | | Adam. |
| 10. | Alla baqa' jikkomunika mal-poplu tiegħu permezz | | David. |
| 11. | L-aħħar fost il-profeti, li permezz tagħhom Alla kien jitkellem, kien | | Isaija. |

**Qabbel il-kmandament li jgħinek tagħraf x'għandek tagħmel bħala Nisrani/ja mas- sitwazzjonijiet. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(5 marki)*

| | |
|---|---|
| **Ħares il-Ħdud u l-festi kkmandati.** | La toqtolx. |
| La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal. | Agħti ġieħ lil missierek u lil ommok. |
| La tisraqx. | La tixhidx ħaġa b'oħra. |




1. Il-ġimgħa l-oħra, Sara ma riditx tisma' quddies la s-Sibt filgħaxija u lanqas il-Ħadd.
   **<u>Ħares il-Ħdud u l-festi kkmandati.</u>**

2. Karen moħħha biex issemmi lill-Madonna u lil Alla għalxejn b'xejn meta tkun irrabjata.

   ________________________________________

3. Minħabba l-gideb ta' Claudio, oħtu Kylie qalgħet kastig mingħand ommhom.

   ________________________________________

4. Mario ra lapes sabiħ fuq il-mejda ta' Jessica. Xħin Jessica marret ħdejn l-għalliema, ħadulha.

   ________________________________________

5. David jiddejjaq ħafna meta ommu tibagħtu jaqdiha mingħand tal-ħanut u ġieli jirrispondi lil ommu minħabba dan.

   ________________________________________

6. Frans ħalla l-kelb marbut fuq il-bejt, fix-xemx mingħajr ikel u ilma.

   ________________________________________

TAQSIMA B

IL-BIBBJA

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*(10 marki)*

1. Alla ħalaq is-siġar u l-pjanti fit-(tmien, **<u>tielet</u>**, tieni) jum.

2. Fil-Bibbja nsibu (żewġ, tliet, erba') Testmenti.

3. (San Pawl, San Luqa, David) huwa wieħed mill-erba' Evanġelisti.

4. Fil-Missierna nitolbu lil Alla jagħtina (l-ħelu, l-ħobż, l-ilma).

5. Ġesù kellu (tnax, tlettax, ħdax)-il appostlu.

6. L-Atti tal-(Profeti, Evanġelisti, Appostli) nsibuh fit-Testment il-Ġdid.

7. (Mosè, David, Mark) irċieva l-għaxar kmandamenti mingħand Alla.

8. San Ġużepp kien (għalliem, mastrudaxxa, tabib).

9. It-tifel ta' Abraham kien jismu (Isaija, Iżakk, Mosè).

10. L-iben ta' Alla hu (Ġesù, Ġużeppi, l-Ispirtu s-Santu).

11. Il-bniedem iħares lejn l-apparenza ta' barra, imma Alla jħares lejn il-(moħħ, qalb, għajnejn).



**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħadd | dixxipli | Responsorjali | Ġesù |
| Salvatur | **ittra** | Evanġelju | erba' |
| Alla | Ġdid | mħabba | |

Il-Bibbja qisha **ittra** twila miktuba minn ________________ għalina. Ittra ta' ________________ fejn hemm stejjer li nistgħu nitgħallmu minnhom.

Fil-Quddiesa ta' nhar ta' ________________ naqraw u nisimgħu ____________ biċċiet qari mill-Bibbja. L-Ewwel Qari u s-Salm ________________ normalment nsibuhom fit-Testment il-Qadim. Fit-Testment il-Qadim tispikka l-iktar il-wegħda tas-________________. Fit-Tieni Qari u l-________________ jittieħdu siltiet mit-Testment il-Ġdid. Fit-Testment il-________________ nsibu l-ħajja u l-ħidma ta' ________________ sal-mewt u l-qawmien tiegħu kif ukoll it-twelid tal-ewwel komunitajiet tad-________________ tiegħu.



TAQSIMA Ċ

IL-KALENDARJU

**Imla l-kelma. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

*(10 marki)*



1. Il-ġrajjiet kbar li għadda minnhom Ġesù niċċelebrawhom tul sena li nsejħulha is-sena <u>Liturġika</u>.

2. Is-Sena Liturġika tibda fl-**e**___________ Ħadd tal-Avvent u tintemm bil-festa ta' Kristu **S**___________ tal-Ħolqien kollu.

3. L-Avvent jibda **e**___________ iħdud qabel il-festa tal-Milied.

4. Fost il-festi l-kbar li niċċelebraw fi żmien il-Milied hemm dik ta' **M**___________ Omm Alla fl-ewwel ta' Jannar.

5. Ir-Randan hu żmien ta' **s**_____________ u ndiema mid-dnub.

6. Fi Żmien Matul s-Sena niftakru fil-**m**___________ u t-**t**___________ ta' Sidna Ġesù Kristu.

7. Fl-ewwel tqarbina aħna irċevejna fina għal-ewwel darba lil Ġesù **E**___________________ .

8. Meta jkollna madwar tnax-il sena jkun wasal il-mument li nġeddu il-**M**__________________ tagħna permezz tal-Griżma tal-Isqof.

9. Is-Sagrament tal-Griżma tal-morda isaħħaħna bil-qawwa taż-**ż**__________ li hu simbolu ta' qawwa fir-ruħ u fil-ġisem għal min speċjalment ikun dgħajjef f'saħħtu.

**Imla bil-kulur it-tajjeb li jintuża mis-saċerdot.** *(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| 0 | Il-kulur li jintuża fiż-Żmien l-Avvent. | *vjola* |
| 1 | Żmien il-Milied ifakkarna fit-twelid ta' Sidna Ġesù. Huwa żmien ta' ferħ u għalhekk jintuża dan il-kulur. | ________________ |
| 2 | Fiż-Żmien Matul s-Sena jintuża dan il-kulur għax ifisser tama. | ________________ |
| 3 | Dan il-kulur jintuża fir-Randan għax juri penitenza. | ________________ |
| 4 | Fi Żmien il-Għid jintuża dan il-kulur. | ________________ |
| 5 | Fil-festa ta' Pentekoste s-saċerdot jilbes dan il-kulur li jfisser l-imħabba t'Alla u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. | ________________ |

**Qabbel dawn il-festi maż-żmien li jiġu fih. L-ewwel waħda hija lesta.** *(5 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Kristu Re | | Żmien il-Għid |
| **2** | Ħadd il-Palm | | Żmien Matul is-Sena |
| **3** | It-Tlugħ tal-Mulej fis-sema | | Żmien il-Milied |
| **4** | Il-Magħmudija tal-Mulej | | Żmien ir-Randan |
| **5** | Iż-Żjara tal-Maġi | | Żmien ir-Randan |
| **6** | Ħamis ix-Xirka | **1** | Żmien Matul is-Sena |



## TAQSIMA D



## IT-TWELID TA' ĠESÙ – IL-MILIED

**Jien min jien?** *(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Jien il-Patrun tal-Knisja Universali u l-Missirijiet. | *San Ġużepp* |
| 2 | Jiena l-Anġlu li ħabbart lil Marija. | |
| 3 | Jiena għamilt l-ewwel presepju. | |
| 4 | Jien waqqaft il-M.U.S.E.U.M. | |
| 5 | Ir-raġel tiegħi kien San Ġużepp. | |
| 6 | Jiena wieħed mis-slaten Maġi u Re tal-Arabja. | |

**Agħti <u>żewġ</u> eżempji kif tista' tkun ta'għajnuna għal ħaddieħor fi żmien il-Milied.** *(4 marki)*

(i)____________________________________________

______________________________________________

(ii)___________________________________________

______________________________________________

**Imla l-informazzjoni nieqsa dwar il-Madonna.** *(4 marki)*

| | |
|---|---|
| Isem? | *Marija* |
| Kellha tifel wieħed jismu? | |
| Data tat-twelid ta' Marija? | |
| Post tat-twelid ta' Marija? | |
| Niċċelebraw it-Tlugħ tas-sema tagħha f'liema data? | |

TAQSIMA E

NIKKOMUNIKAW

**Ġesù jfakkarna fil-ħniena t'Alla lejn il-bnedmin. Aqra din is-silta , wara irrispondi l-mistoqsijiet.** *(12 –il marki)*

F'waħda mill-parabboli Ġesù jgħid hekk: "Min hu dak fostkom, li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom: 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli.'"



1. Din il-parabbola hija magħrufa bħala l-parabbola (tas-Samaritan it-Tajjeb, tal-Festa tat-Tieġ, tar-Ragħaj it-Tajjeb) *(marka)*
2. X'inhi parabbola?

___

___

*(2 marki)*

3. Lil min tirraprezenta n-nagħġa l-mitlufa f'din il-parabbola?

___

___

*(2 marki)*

4. Semmi żewġ affarijiet li jagħmel ir-Ragħaj meta jitlef waħda minn nagħaġ?

(i) ___

(ii) ___

*(2 marki)*

5. X’ messaġġ ried iwassal Gesù permezz ta’ din il-parabbola?

________________________________________

________________________________________

*(2 marki)*

6. X’ xebh hemm bejn din il-parabbola u dik tal-Iben il-Ħali?

________________________________________

________________________________________

*(2 marki)*

7. F’liema sagrament nirċievu l-maħfra ta’ Alla?

________________________________________

*(marka)*

**Wiegeb dawn il-mistoqsijiet** .

1. Semmi 2 personaġġi li jissemmew fil-Bibbja li għamlu dnub, iddispjaċihom u talbu maħfra.

(i)______________________________

(ii)______________________________

*(2 marki)*



2. Għażel wieħed mill-personaġġi t’hawn fuq u ikteb sentenza fuqu.

________________________________________

________________________________________

*(2 marki)*

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** *(3 x marka = 3 marki)*

Biex ikun hemm maħfra tad-dnub trid: tagħraf d-**d**_____________, titlob

**m**_____________, u tbiddel **ħ**_____________.

TAQSIMA F

SIMBOLI TA' MĦABBA

**Poġġi dawn il-kelmiet li qal Ġesù wara xulxin u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*(3 x marka = 3 marki)*

1. *"mis-sema nieżel Jien ħaj il-ħobż li."*

_____________________________________________

2. Ma x'hiex iqabbel lilu nnifsu Ġesù meta qal dawn il-kelmiet?

_____________________________________________

3. Għaliex?

_____________________________________________

_____________________________________________



4. Għażel **waħda** minn dawn l-istejjer li ġejjin u wara spjega **kif bl-għajnuna ta' Ġesù saret bidla fil-persuna li tissemma fl-istorja.** *(3 marki)*

(i) Is-Sejħa ta' Żakkew.

**Jew**

(ii) Marta u Marija.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Agħżel il-kelma t-tajba billi taqta' sinjal taħtha.** *(3 x marka = 3 marki)*

1. San Pietru jgħidilna li n-nar (jeqred, iħammeġ, isaffi).
2. Fil-ktieb tal-Eżodu, Alla kellem lil (Abraham, Iżakk, Mosè) fis-siġra taqbad.
3. Fil-festa tal-Pentekoste niżel in-nar fuq ras (l-Appostli, il-Papa, l-isqfijiet).

**Wiegeb dawn il-mistoqsijiet**. *(2 x 2 marki = 4 marki)*

1. X' jirrappreżenta n-nar fuq ras l-Appostli fil-ġrajja ta' Pentekoste?

______________________________________________

______________________________________________

2. Semmi 2 bidliet li saru fl-Appostli wara din il-ġrajja.

(i) ______________________________________________

(ii) ______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**